# LEĦEN IL-MALTI

MEJJU 1990 GĦADD 25-26


## EDITORJAL

# TISLIMA LIL ĠUŻÈ BONNICI

### Ko-fundatur ta' l-Għaqda

B'din il-ħarġa l-Għaqda tal-Malti (Università) qiegħda ssellem lil Dr. Ġużè Bonnici f'egħluq il-ħamsin sena mill-mewt tiegħu. Isem Bonnici jfisser ħidma bla waqfien b'riżq it-tixrid tal-kitba Maltija fl-Università u fil-pajjiż; ifisser ukoll ħidma li biha ħarġu l-kotba ta' wħud mill-aqwa kittieba Maltin, li hu tħabbeb u ħabrek magħhom għal kawża waħda. Minbarra dan, naturalment, hemm is-sehem letterarju proprju li ta bħala awtur ta' rumanzi u novelli.

Għall-għaqda tagħna ismu jfisser li hu wieħed mill-bennejja tagħha, għaliex kien hu li flimkien ma' Dr. Rużar Briffa ta bidu fl-1931 għall-moviment li llum imiss lilna nżommuh ħaj u nagħtuh ħajja ġdida. Bonnici mill-ewwel fehem li l-ilsien Malti kellu jingħata l-post ewlieni li jixraqlu fl-Università, jekk ried li jkun tassew strument ta' kultura li tasal fil-livelli kollha tal-pajjiż. Is-sena d-dieħla l-Għaqda tagħlaq sittin sena, u din tkun okkażjoni sabiħa oħra għalina biex infakkru kemm ħidma saret minnu u minn membri oħra ta' l-Università b'riżq il-kultura Maltija.

Bonnici kellu fehmiet ċari u sodi, u kien jaf x'kien jeħtieġ il-Malti biex jasal, kif qal hu, sal-quċċata. Aħna wkoll għandna d-dmir li naraw li dan il-proċess ta' titjib jissokta b'serjetà li jixraq li toħroġ weħidha minn Università. Il-ħidmiet preżenti tagħna huma maħsuba mhux biss biex jissoktaw jiżviluppaw il-kitba letterarja u xjentifika Maltija, iżda wkoll biex naraw li l-Malti jasal jieħu l-post ewlieni li hu tiegħu biss fl-ogħla istituzzjoni edukattiva tal-pajjiż.

Dan hu l-qofol tal-messaġġ li rridu nwasslu din is-sena, aħna u nfakkru l-ħamsin sena li għaddew mill-mewt ta' wieħed mill-fundaturi tagħna.